# *Aktar tagħrif dwar* Wied il-Għasel



*kitba ta'* **Victor B. CARUANA**

**Dan** *li ġej huwa tagħrif miġbur minn manuskritt miktub mis-sinjorina Mary Anne Buhagiar, li għaddihuli s-sur Salvinu Zahra, wieħed min-neputijiet tagħha. Hija twieldet fit-28 ta' Settembru 1912, u fl-1931 hija ntgħażlet bħala l-unika u l-iżgħar studentessa Maltija biex tmur Endsleigh Training College, f'Hull, Yorkshire fl-Ingilterra. Hemmhekk temmet b'suċċess kors ta' sentejn u kitbet żewġ teżijiet wieħed dwar il-Ġeografija u ieħor dwar ir-Reliġjon. Fl-1933 laħqet Headteacher u għaddiet sentejn f'Sannat, Għawdex, fejn għallmet lill-istudenti għalliema. Damet Headteacher għal aktar minn tletin sena fiż-Żurrieq, fil-Gżira, in-Naxxar, il-Ħamrun, Birkirkara u l-Mosta. Fl-1962 reġgħet għamlet kors ieħor fl-Ingilterra u fl-istess sena laħqet Inspectress ta' l-iskejjel, responsabilità li żammet sakemm irtirat fl-1972. F'din il-kariga kellha madwar tletin skola f'Malta u Għawdex. Hija mietet fit-3 ta' Frar 1993.*

# Wied il-Għasel

*Tagħrif dettaljat miktub mis-sinjorina* **Mary Anne Buhagiar**



*Is-sinjorina Mary Anne Buhagiar li kitbet dan il-manuskritt.*

Wieħed mill-widien sbieħ li jżejjnu l-Gżejjer tagħna huwa bla dubju ta' xejn Wied il-Għasel f'tarf il-Mosta. Dan jibqa' jgħawweġ triqtu sas-Salini min-naħa waħda u sa Wied il-Qlejgħa min-naħa l-oħra. Il-ġebel ċagħki li għad hemm imxerred mal-wied u l-ħitan wieqfa tiegħu huma xiehda illi fi żmien l-imgħoddi, flok in-nixfa li hemm illum, kien jiġri l-ilma ta' xi xmara. Mal-ġnub tiegħu kienu jħaddru iżjed ħxejjex u siġar. Billi x-xmajjar issibhom fejn hemm il-muntanji, dan il-wied huwa prova illi fi żmien imbiegħed Malta kienet magħquda ma' l-artijiet 'il fuq u 'l isfel minnha, jiġifieri ma' l-Ewropa u l-Afrika, fejn hemm il-muntanji.

Naqraw fl-istorja, illi fil-ħmistax u s-sittax-il seklu, dan il-wied kien iservi ta' kenn għall-Furbani, li kienu jiġu Malta fuq ix-xwieni tagħhom. Dawn fil-ħemda tal-lejl kienu joħorġu u jaħbtu għall-maltin. Kienu jagħmlu ħerba mill-uċuħ tar-raba' u minn kulmin kien jiġi għal idejhom.

Jekk wieħed jimxi matul dan il-wied, għadu jara fuq il-ġnub tiegħu, strixxi u rqajja' ta' ħdura illi l-bidwi għadu jikkoltiva. Dawn l-istrixxi ta' raba', komuni f'kull naħa tal-Mediterran, huma magħrufa bħala "terrazzi", u jagħtu xhieda ta' l-għaqal kbir illi l-Maltin dejjem urew jagħmlu użu siewi minn kull roqgħa ħamrija, anke qalb ix-xagħri.

Naraw diversi siġar bħal ħarrub, tin, anke siġar taż-



*Il-blat ċagħki li għad hemm imxerred mal-wied huwa xhieda illi fl-imgħoddi kien jiġri l-ilma ta' xi xmara.*



*Dawn l-istrixxi ta' raba' huma komuni f'kull naħa tal-Mediterran u huma magħrufa bħala "terrazzi".*

żebbuġ li jserrħu l-għajnejn ta' min ikun għaddej mill-wied u għall-għasafar biex jagħmlu l-bejtiet tagħhom. Ħafna drabi, dari iżjed mil-lum, wieħed kien jara xi rgħajja jindukraw il-merħliet tagħhom, ifittxu l-ikel ma' l-għoljiet f'dik il-ħemda.

Hemda li tinkiser biss mill-għana ta' l-għasafar, huma u jittajru minn fergħa għall-oħra, minn tir ta' xkubetta ta' xi kaċċatur, minn inbih ta' xi kelb jew mill-għana tar-rgħajja li ma' nżul ix-xemx, ireġġgħu lura l-merħliet tagħhom lejn il-maqjel, tant li mingħajr ma trid, tiftakar fil-versi tal-poeta Wordsworth:

*"Oh listen! for the vale profound*
*Is everflowing with the sound."*

Jekk il-ġebel, il-ftit ħdura li hemm, it-tifsila tal-wied, it-tgħawwiġ tiegħu, u l-għana ta' l-għasafar huma ġmiel naturali, kemm huwa isbaħ il-wied wara xi xita qawwija, meta l-wied jidwi bil-ħoss ta' l-ilma li mgħaġġel, mgħaġġel jitgerbeb għan-niżla qalb il-ġebel, fil-mixja tiegħu lejn il-baħar fejn jingħaqad ma' l-ilmijiet tal-Mediterran. U xi ngħidu għall-għerien li jsebbħu dan il-wied, li min jaf kemm servew għat-Torok qabel ma kienu joħorġu għall-atttakki tagħhom fuq l-irħula?

F'wieħed minn dawn l-għerien il-kbar, bejn wieħed u ieħor f'nofs il-wied, hemm knisja żgħira ddedikata lil San Pawl Eremita, li tħares lejn il-Lvant. Din kienet reġgħet inbniet għall-aħħar tal-ħmistax-il seklu flok oħra qadima li għandha x'taqsam sew fl-istorja ta' l-Għarusa tal-Mosta. Skond it-tradizzjoni, l-Għarusa ġiet misruqa mit-Torri Cumbo, il-palazz ta' missierha, li għalkemm xi ftit mibdul, għadu jeżisti sal-lum, fil-għodwa ta' jum it-tieġ li kellu jsir f'din il-knisja. Skond it-tradizzjoni wkoll, f'dan il-għar twil, qisu loġġa, bil-blat fuqu, kienu jgħammru xi eremiti, fosthom l-aktar magħruf San Kerrew, magħruf ukoll bħala San Korradu.


*L-altar bil-pittura titulari ta' San Pawl Eremita li tinsab f'din il-knisja.*

L-altar tal-ġebel li hemm taħt il-pittura ta' San Pawl Eremita, huwa xogħol ta' Mastru Anġ Gatt miż-Żejtun, illi huwa ħadem fiż-żmien li kienet qed tinbena r-Rotunda (il-Parroċċa). Minn ġewwa din il-knisja ta' San Pawl Eremita tidħol fi grotta, fejn tinsab ivvenerata xbieha għażiża tal-Madonna bil-Bambin sa mill-1656. Dan il-kwadru tal-Madonna bil-Bambin ġie mqiegħed għall-qima ta' l-insara minn Gian Pawl Mangion, Mosti, f'din is-sena. L-imsemmi Mangion, bil-permess ta' l-Isqof Fr. Gio Michael Balaguer Camarosa, fis-27 ta' Jannar 1656, biddel din il-grotta f'kappella. Huwa


*Fil-grotta hemm nixxiegħa ta' l-ilma bi tlett iħwat ibiddu l-ilma ġo xulxin.*

sawwar altar fil-blat u poġġa bħala titular dan il-kwadru, wara li fl-attijiet ta' Gian Pawl Fenech tat-28 u 30 ta' Diċembru 1655, kien ħalla biex kull nhar ta' Sibt tinxtegħel il-lampa tal-Madonna u kull sena issir il-festa tagħha bil-Quddiesa, nhar il-Gandlora. Dan bil-patt li kemm il-darba, 'il quddiem il-festa ma tkunx tista' ssir fil-ġurnata tagħha, għandha ssir nhar il-Vitorja.

F'din il-grotta, hemm nixxiegħa ta' l-ilma li qatt ma taqta' bi tlett iħwat imħaffra fil-blat fuq xulxin, li jbiddlu l-ilma minn wieħed għall-ieħor. Dan imbagħad jgħib taħt l-art. Skond xi storiċi, dan l-ilma kien iservi għax-xorb ta' l-eremiti, li kienu jgħixu hawn u li kien ġie mogħti lilhom b'miraklu.

Fl-istess għar ta' quddiem il-knisja hemm bir bl-ilma li jimtela minn nixxiegħa li hemm maġenbu. Kien hemm ukoll ħawt kbir, u statwa ta' San Pawl, imqiegħda fl-1647 minn Filippu Cassar u martu Vincenza Xara, li kienu Żebbuġin, bl-arma tagħhom imnaqqxa fil-pedestall.

Kien hemm ukoll tlett statwi fuq pedestall wieħed tawwali tat-tlett qaddisin eremiti San Ġwann Battista, San Pawl Eremita u San Anton. Dawn kienu ġew imneħħija minħabba li xi suldati mill-fortizza ta' Misraħ Għonoq kienu għamlulhom ħafna ħsara.

L-Arċisqof Dom Mauro Caruana milqut mill-importanza ta' dan il-monument storiku sejjaħ lil Dun Karm Gauci mill-Mosta biex jagħmel kulma jista' u jqiegħed kollox f'postu. Dan kien fil-bidu tas-seklu għoxrin. Minn tiftix li għamel dan l-istess Dun Karm Gauci nsibu illi wara l-pesta ta' l-1676, il-Maestro di Cappella ta' San Ġwann tal-Belt, Dun Oreste Benini, beda jieħu ħsieb din il-festa bil-mużika u l-priedka, għax kellu devozzjoni kbira lejha. Jgħidilna wkoll illi din il-knisja kienet mantnuta mhux biss min-nies tal-Mosta, iżda wkoll min-nies tal-gżira kollha, li kienu jmorru jinvistawha.

Dan Dun Karm Gauci, ħa ħsieb li jsewwi l-ħsarat

kollha, bena rixtellu tal-ħadid u sebbaħ il-grotta. Ħa ħsieb ukoll li jirranġa l-mogħdija matul il-wied li tagħti għal knisja. Ta' kull nhar ta' Erbgħa, id-devoti kienu jinżlu fil-wied mat-tbexbix, ikun x'ikun it-temp, u jassistu għall-quddiesa fil-kappella tal-grotta u jitqarbnu.

Wara l-quddiesa kienu jixorbu mill-ilma tal-ħwat, waqt li kienu jgħidu xi *Ave Maria* u jitolbu l-għajnuna tal-Madonna. Nhar ta' Ħadd wara nofs inhar, il-grotta kienet tinżamm miftuħa u ħafna nies kienu jinżlu jkomplu l-wegħdiet tagħhom. Minn żmien il-gwerra 'l hawn, dawn id-devozzjonijiet waqfu u din il-knisja ftit baqgħet tiġi ffrekwentata. Madankollu din il-knisja għada tfakkar lil kulmin jgħaddi mill-inħawi fl-importanza storika tagħha.



*Fil-grotta nsibu vvenerata xbieha tal-Madonna bil-Bambin, magħrufa bħala "tal-Grazzja".*

Skond il-leġġenda, fi żmien antik ħafna, il-blat ta' dan il-wied kien mimli b'xehdiet ta' l-għasel u minħabba f'hekk ħa ismu. Il-Mostin kienu jinżlu jimlew il-vażetti tagħhom bil-għasel. Darba waħda mara li kienet sejru lura d-dar, b'ġarra żgħira ta' l-għasel, ltaqgħet m'oħra li kienet sejra hi wkoll biex iġġib l-għasel. Din staqsiet lil ta' l-ewwel, jekk kienx baqa' għasel. Għar-risposta li ilma mhux għasel kien nieżel mill-blat, it-tnejn marru lura lejn id-dar. Fil-għaxija l-mara reġgħet marret fil-wied biex tieħu l-għasel. Din id-darba sabet ilma flok għasel, u minn dakinhar, l-għasel ma deherx iżjed.

Il-gwerra għaddiet u biddlet ħafna mill-aspett storiku tal-wied, iżda ħafna traċċi ta' interess għadhom isebbħu l-wied, għal min iħobb l-istorja u n-natura.

# Noti ta' Wara

Il-manuskritt li deher fuq inkiteb mis-Sinjorina Mary Anne Buhagiar madwar 54 sena ilu. Mhux il-gwerra biss biddlet il-wied, iżda dan sofra ħafna ħsara minħabba l-iżvilupp. In-naħa tiegħu li tagħti għas-Salini, nistgħu ngħidu li nbidlet f'żona industrijali, li bl-effett tagħha, din il-parti tal-wied tant pittoreska, tilfet l-identità tagħha.



*Il-pont tal-ħadid tneħħa u minfloku nbena wieħed tal-ġebel u konkrit.*

Il-pont tal-ħadid li tant kien sabiħ tneħħa u minfloku sar wieħed tal-ġebel u konkrit. Ftit passi 'l bogħod minn din il-knisja, kien hemm pont baxx mibni fuq il-ħnejjiet tal-ġebel. Dan il-pont inġarr bl-ilmijiet wara maltempata kbira madwar tletin sena ilu. Fit-truf tiegħu kien hemm taraġ kull naħa. Wieħed kien jagħti għal ġo għar kbir, li sa tletin sena ilu, kienu jinżammu fih il-ġarar bin-naħal għall-għasel. L-ieħor kien jagħti għal fuq nett sat-triq li mill-Mosta twassal sat-Telgħa t'Alla u Ommu.

Kulma baqa' minn dan il-pont huma l-ħnejjiet. It-taraġ li jagħti għall-għar għadu hemm, iżda dak tan-naħa l-oħra, għalkemm għadu hemm, jinsab fi stat perikoluż ħafna u ma jagħti għal imkien, billi l-aħħar parti tiegħu, inqatgħet minħabba l-barriera. Ftit qabel il-pont il-kbir, illum insibu pont ieħor, li huwa speċi ta' akwadott, li jservi biex minn fuqu jgħaddu l-pajpijiet ta' l-ilma tax-xorb għall-*pumping station* tan-Naxxar.

L-altar tal-knisja ta' San Pawl Eremita, li kif qrajna kien sar minn Anġlu Gatt waqt li kienet qed tinbena r-Rotunda, tkisser mill-vandali fis-snin 70. Fl-istess żmien it-tlett statwi tat-tlett eremiti li konna semmejna qabel, tkissru wkoll mill-vandali u ntefgħu f'qiegħ il-wied. Xi nies infurmawni b'dan l-għada li ġara dan l-att ta' min jistmerru u meta mort nieħu r-ritratti, ħassejt qalbi tingħafas meta rajt il-fdalijiet ta' l-istatwi fil-wied u l-altari mkissrin.



*Dan ir-ritratt ġie meħud f'Jannar 1970, meta t-tliet statwi ta' l-eremiti ġew imkissra u mitfugħa fil-wied. Il-parti tal-lemin turi biċċa mill-istatwa ta' San Anton.*

Kulma nafu dwar il-kwadru titulari ta' San Pawl Eremita, huwa li ġie mpitter minn ċertu pittur li kien baħri u li kien jismu Sebastjan. Mn'Alla li dawn iż-żewġ pitturi kienu ttellgħu u mqiegħda fis-Sagrestija tal-parroċċa (in-naħa tal-Bomba), għax kieku kienu jinqerdu wkoll. Illum minflokhom insibu żewġ kopji sbieħ magħmula mis-sur George Apap.

Jien naf xi nisa anzjani li llum għandhom 'l fuq mit-tmenin sena, li qaluli li meta kienu għadhom tfal, kienu jinżlu flimkien ma' ħafna tfal oħra f'din il-knisja nhar ta' Ħadd wara nofs inhar biex jitgħallmu d-duttrina flimkien ma' Dun Karm Gauci li semmejna qabel. Waħda minn dawn hija s-sinjura Margaret Borg (kunjomha xebba Sciberras), u hi omm is-sur Joseph Borg, kittieb magħruf ta' żmienna dwar ir-Rotunda u l-Mosta (kontributur regolari għal din ir-rivista). Is-sinjura Borg tgħid li kull wieħed u waħda minnhom, kienu jġorru maduma waħda tul it-triq kollha. B'xorti tajba dan il-madum sabiħ antik u kkulurit li kważi jiksi l-art kollha għadu hemm sal-lum. Kien dan is-sur Joseph Borg, flimkien mas-sur Frans Tonna, li tellgħu l-kwadri oriġinali minn din il-kappella, biex saritilhom it-tiswija u r-restawr wara l-ħsara li kienu sofrew mill-vandali.

L-altar ta' Anġlu Gatt reġgħa nbena mill-ġdid, ħlief l-ewwel tlett filati li kien fadal mill-qadim, minn Karmnu Galea mill-Mosta. Ix-xorok tas-saqaf tal-knisja li kienu sfrundaw meta waqgħet blata żgħira mis-saqaf ta' l-għar, ġew mibdula u msewwija minn Salvu Grech u Karmnu Galea, mgħejjuna minn għadd ta' voluntiera Mostin, bejn l-1992 u 1993.

L-altar tal-Madonna tal-Grazzja li qabel kien ta' l-irħam abjad, kienu kissruh il-vandali. Għalhekk reġgħa sar mill-ġdid minn Salvu Grech fl-istess snin. It-tlett statwi ta' barra, li ta' San Ġwann il-Battista, San Pawl Eremit u San Anton saru miż-żagħżugħ skultur Mosti, Savio Deguara, u nħadmu fil-konkrit. Dawn saru iżgħar minn dawk li kien hemm qabel u tlestew fl-1994.

Il-festa ta' San Pawl Eremita ssir Ħadd fuq il-festa ta' San Anton Abbati, waqt li dik tal-Madonna tal-Grazzja, li hija meqjuma fil-grotta ta' din il-knisja, issir żewġt iħdud fuq dik ta' Ħaż-Żabbar. Hija ħaġa sabiħa li l-Mostin jagħmlu żjara f'din il-knisja ħelwa f'xi waħda minn dawn il-festi u b'hekk ngħallmu lill-uliedna jħobbu u jgħożżu dak li hu sagru u storiku.

Din li ġejja hija nota storika u ta' interess misjuba minn Dun Salv Magro fir-reġistru tal-mejtin:

"Fl-14 ta' Jannar 1766, waqt li Pawlu Sammut kien bil-merħla tal-mogħoż, waqa' minn fuq l-għar ta' Wied il-Għasel. Kumbinazzjoni kien hemm jinvistaw il-Kappella Dun Ġakbu Mifsud u Dun Xmun Agius, żewġ qassisin minn Ħal-Lija u assistewh".

Għall-grazzja t'Alla, illum din il-knisja żgħira tinsab ikkurata ħafna u jieħu ħsiebha ferm il-ġuvnott bil-għaqal, is-sur Raymond Grech, li mexxa l-grupp ta' voluntiera Mostin li ħadmu ħafna u batew mhux ftit biex irrestawrawha.

Meta tlesta dan ir-restawr, din ġiet inawgurata u miftuħa mill-ġdid mill-W.R. Arċipriet Dun Joe Carabott, nhar il-Ħadd, 12 ta' Settembru 1993, festa liturġika tal-Madonna tal-Grazzja, li x-xbieha għażiża tagħha ilha meqjuma hawnhekk sa mill-1656.



*Dawn huma t-tliet statwi ta' l-eremiti maħduma mis-sur Savio Deguara.*



*Din hi l-knisja ta' San Pawl Eremita mżejna għall-festa li ssir Ħadd fuq il-festa tal-kappella ta' San Anton Abbati.*

*N.B. Nixtieq nirringrazzja lis-sur Salvinu Zahra, il-familja tas-sinjorina Mary Anne Buhagiar, lil Dun Salv Magro u lis-sur Raymond Grech ta' l-għajnuna li tawni sabiex stajt niġbor dan it-tagħrif.*

*Ir-ritratti kollha huma meħudin minn Victor B. CARUANA, minbarra dak tas-sinjorina Mary Anne Buhagiar, li huwa meħud minn Grech's Studio.*